MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 1975/2003

**Personal Security Services Limited**

**Vs**

**Theresa Degabriele**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta` Ottubru, 2003 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` seba` mija u tnejn u disghin lira Lm792, illum ekwivalenti ghal €1,844.86c (Euro), rapprezentanti danni naxxenti minn misapproprjazzjoni jew negligenza grossolana ezericitata mill-konvenuta waqt il-kors ta` l-impjieg taghha mas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta` dana l-att sal-hlas effettiv ghas-saldu.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta datata 20 ta` Ottubru, 2003 fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi tafferma li ma hux minnu li hija approprjat ruhha indebitament mis-somma ta` Lm792 u anqas ma kien minnu li kienet negligenti. Fi kwalunkwe kaz irrilevat li l-ammont minnha mitlub originarjament kien fis-somma ta` Lm618.

B'riserva ghal risposti ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi skond l-affidavit ta` Claudio Spiteri, konsulent fi hdan is-socjeta` attrici, dan jistqarr illi l-konvenuta giet assenjata xoghol fil-car park tal-lukanda fl-1 ta` Frar, 2003. Ix-xoghol taghha kien jikkonsisti f'illi tigbor il-mizata relattiva tal-parking. Kellha kontroll fuq il-cash register, kienet tigbor il-mizata u taghti l-bqija. Lejn l-ahhar ta` Marzu, 2003, Ian Decesare wiehed mill-proprjetarji tal-garage allega li sofra danni ta` cirka Lm6,000, relattivi ghall-fatt li l-barrier kienet giet attivata minghajr ma sar hlas. Huwa pproduca skeda komputerizzata tal-granet u l-hinijiet meta dan sar. Is-socjeta` attrici spiccat biex halsitu lura tramite credit imqassma fuq tliet xhur li kienu Lm3,327.15c ghal Jannar; Lm2,202.75c ghal Frar; u Lm3,231.45c ghal Marzu. Dan ix-xhud ikompli jistqarr li l-konvenuta bhal ohrajn kienu nghataw tahrig kif kellu jsir ix-xoghol u li certa vetturi biss li joffru servizzi setghu jidhlu u johorgu b'xejn.

Illi fuq din l-allegazzjoni kienet saret inkjesta magisterjali fuq rapport ta` l-istess socjeta` attrici u certu Martin Bajada kien gie mahtur bhala espert tal-Qorti li eleva informazzjoni digitali minn fuq il-hard disc. Minn ezami tad-dokumentazzjoni, rrizulta li parti allarmanti tal-kazijiet fejn il-barrier ittellghet minghajr ma sar hlas issucceda fuq ir-roster tal-konvenuta. Illi fil-fatt l-ammont mitlub f'din il-kawza giet mahduma bil-mod segwenti cioe` Lm585

ghax-xahar ta` Frar meta ttellghet 372 darba u Lm295 ghax-xahar ta` Marzu meta ttelleghet 246 darba. Aktar tard dan ix-xhud ipprezenta rendikont guramentat li jindika aktar precizjoni l-ammonti ta` parkegg mhux imhallsa fil-hin tax-xoghol tal-konvenuta.

Alan Ciangura ghas-socjeta` attrici jkompli jispjega li meta vettura tidhol u tohrog minghajr hlas hemm, tas-security kellhom jirregistraw dan l-akkadut fuq logbook appositu, liema entries jigu verifikati fl-ahhar ta` kull gurnata mill-principal tas-socjeta` attrici ghalkemm fil-verita` tali verifika ma kinietx issir ta` kuljum. Dan ix-xhud jikkonferma li l-impjegati kienu nghataw struzzjonijiet kif kellhom jahdmu. Ighid ukoll li xogholhom kien jigi sorveljat minn foreman. Minn ezercizzju li ghamlet is-socjeta` attrici wara r-rapport tal-principal taghha, hija waslet biex tiddentifika min kienu l-impjegati nvoluti fil-hinijiet meta sehhew l-allegati abbuzi.

Fix-xhieda taghha moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-konvenuta tilmenta mill-fatt li ma tantx kienet inghatat training fuq dan it-tip ta` xoghol – semplicement inghatat struzzjonijiet fuq shift wiehed ta` 12 il-siegha minn certu Rodenas. Tikkonferma pero` li l-buttuna F1 kellha tigi attivata manwalment halli tgholli l-barrier ghal persuni li ma kellhomx ihallsu tal-parkegg bhal per ezempju guests tad-diretturi jew haddiema li kienu dahlu biex jaghtu servizz lill-lukanda. Tistqarr li gieli ghafset il-buttuna bi zball u gieli ghafsitha aktar minn darba ghax ma hadmitx il-barrier u gieli baqghet ma telghetx partikolarment meta kienet taghmel ix-xita jew meta jinqata` d-dawl. Meta darba gara hekk hija giet mgharfa biex tuza c-cavetta u l-barrier tibqa` miftuha. Tghid ukoll li mhux dejjem kienet tlahhaq tnizzel l-entries kollha fil-log book meta tutilizza l-buttuna F1 u meta gieli ghafsitha tliet darbiet biex titla` l-barrier ma kinietx toqghod tirregistrhom kull darba fil-ktieb. Hija kienet taf pero` ghax kienu qalulha wkoll li kellha tnizzel in-numri tal-vetturi li jkunu dahlu u hargu bis-sistema tal-F1, liema annotament hi stess tistqarr li mhux dejjem ghamlitha ghal xi raguni jew ohra li tispjega fiz-zewg okkazzjonijiet li tat ix-xhieda taghha. Dwar kazijiet ta` lost tickets, kienet tigbor hlas ta` Lm2.50c u tirrilaxxja

ricevuta relattiva ghalkemm fuq il-ktieb mhux dejjem setghet tkun kitbet li harget tali ricevuta ghal dak l-iskop. Fl-affidavit taghha pprezentat f'dawn il-proceduri zzid ghid li l-F1 button gieli ghafsitha ghal nies li jkunu hallsu pero` jkunu remghu t-ticket minflok l-ircevuta. Issemmi ezempju iehor ta` l-F1 meta persuni jdumu biex johorgu wara li jkunu hallsu u kwindi jiskadilhom il-hames minuti terminu li ghandhom biex johorgu. In kontro-ezami, l-istess konvenuta tammetti li hija kienet bdiet tnizzel kollox b'mod skrupuluz ghal xi gurnata wahda qabel ma tterminawlha l-impjieg taghha. Tammetti wkoll li huwa minnu li jirrizulta li hija kienet attivat l-F1 button minghajr ma llogjat il-vetturi pero` tkompli tghid li kienet tgholli l-barrier manwalment b'dan il-mod ghat-tip ta` nies li semmiet fix-xhieda taghha bhal per ezempju ghal dawk li kienu qed jaghtu servizz jew ghal nies li kellhom rabta mal-kumpanija.

Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta fuq ammissjoni ta` l-istess konvenuta li kien hemm hafna drabi meta harget il-vetturi bis-sistema ta` l-F1 button minghajr ma rregistrat dawn il-vetturi. Illi hija tafferma pero` li dan ghamlitu ghal vetturi li xorta wahda ma kienx mistenni minnhom li jhallsu ghal garage. Illi tali l-oneru tal-prova ta` tali skuzanti tinkombi fuq l-istess konvenuta stante li a priori hija kellha l-obbligu li tilloggja tali entries, liema prova naqset li tressaq b'mod konvincenti. Resqet diversi ezempji generici ta` skuzanti li pero` ma jwasslux biex jiskolpaw lill-konvenuta mir-responsabbilita` taghha ghall-akkadut li wasal minhabba nuqqas ta` diligenza da parti taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €1,844.86c gia` Lm792, bl-imghaxjiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dana l-att u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------